Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2542/2003

**John Azzopardi ghan-nom
ta' Jazz Leisure Co. Limited**

**vs**

**President u Segretarju Ezekuttiv
Pieta' Hotspurs Football Club**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Dicembru, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm234.91) jew somma ohra verjuri rappresentanti kont tat-*telephone* gravanti l-fond Flat 2, Pastokk Place, Triq Michele Bellanti, Msida, liema kont huwa dovut ghall-perijodu illi l-fond kien mikri lill-konvenuti.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti, ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti ipprezentata fl-20 ta' Jannar 2004, fejn huma eccepew:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-konvenuti nomine m'ghandhom l-ebda kont pendenti mas-socjeta attrici.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-konvenuti nomine ghandhom ihallsu se mai, somma anqas minn dik reklamata fl-avviz, kif indikati minn korrispondenza tas-socjeta attrici, annessi mar-risposta u immarkati bhala Dokument A u B.
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-konvenuti ma humiex responsabbli ghall-ebda hlas ghar-rigward ta' linji godda li saru fil-fond Flat 2, Pastokk Place, Triq Michele Bellanti, Msida wara li gie terminat il-kirja ta' dan il-fond.
4. Salvi ececzzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta'l-attur John Azzopardi, Paul Busuttil in rappresentanza tal-Maltacom plc u ta' Edward Schembri, President tal-klabb konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi hemm qbil bejn il-partijiet illi l-konvenuti kellhom ikunu responsabbli ghal hlasijiet tal-kont tat-telefon ghall-perijodu li kien inkera l-appartament Flat 2, Pastokk Place, Triq Michele Bellanti, Msida mill-klabb konvenut u dana sabiex jigu ospitati xi *footballers* barranin. Jirrizulta ukoll bhala fatt mhux ikkontestat illi meta giet terminata l-kirja kien ghad hemm kont pendenti tat-telefon ta' Lm191.50. Minn dana l-ammont l-attur nomine zamm id-depozitu li kien thallas mill-konvenuti meta inkera l-appartament sabiex b'hekk kien ghad fadal bilanc ta'Lm81.50.

Illi ghar-rigward ta' dana l-ammont jidher illi hemm ammissjoni da parti tal-konvenuti. Dana johrog kemm mid-Dokument JA5 a fol.20 tal-process kif ukoll mix-xhieda ta' Edward Schembri stess bhala President tal-klabb, liema

xhieda inghatat fid-29 ta' Settembru 2004. Fil-fatt huwa jixhed illi kien informa lill-kaxxier sabiex johrog dana ic-cekk. Nel frattemp madanakollu jirrizulta illi s-socjeta Maltacom, qatghet kemm il-linja tat-telefon ta' dana l-appartament, kif ukoll il-linja tat-telefon personali ta'l-attur nomine sabiex b'hekk huwa kellu ihallas l-ammont ta' Lm23 ghar-re-istallazzjoni ta' kull linja telefonika. Huwa ghalhekk beda jitlob il-hlas ta' dan il-flus ukoll, izda l-konvenuti irrifjutaw li ihallsu dana l-ammonti peress illi hassew li kien nuqqas da parti ta'l-attur nomine illi dam sabiex ihallas il-kont tat-telefon u ghalhekk ma kellhomx iwiegbu ghal dana n-nuqqas.

Ikkunsidra.

Illi ghar-rigward ta'l-ammont ta' Lm81.50, mitlub mill-attur nomine, ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni u hemm ammissjoni da parti tal-konvenuti ghar-rigward tal-hlas ta'l-istess. Illi fir-rigward ta'l-ammont ta' Lm46 spejjez sabiex jigu re-istallati z-zewg linji telefonici, dawna ukoll ghandhom jigu imhallsa mill-konvenuti. Dana peress illi kien hemm ftehim car bejn il-partijiet illi l-konvenuti kellhom ikunu responsabbli ghall-kontijiet kollha pendenti tat-telefon ghal perijodu tal-kirja, u ghalhekk kien jispetta lilhom illi jaraw illi meta irritornaw ic-cwievet ta'l-appartament lis-sid, ma kien hemm l-ebda pendenzi bejniethom. Ma kienx jispetta lis-sid li joqghod jigri warajhom u jistenna sabiex jircevi l-hlas u ghalhekk ma jistghux jippretendu illi l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet taghhom kif johrog mill-ftehim ta' bejniethom, issa iwiegeb ghalihom l-attur nomine.

Illi finalment ghar-rigward tal-ammont ta' Lm48 li huwa indikat mill-attur nomine fil-Dokument JA1 a fol.16 tal-process, huwa naqas li iressaq il-provi in sostenn ta'l-istess, oltre ghal fatt illi l-ispejjez ghal dina l-istanza jigi deciz f'kap separat u ma jiffurmawx parti mis-sorte tal-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, jichad il-kumplament ta'l-eccezzjonijiet sollevati minnhom u

ighaddi sabiex jilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur nomine s-somma ta’ mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm127.50), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal kwart (1/4) mill-attur nomine u tlett kwarti (3/4) mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------